MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 420/2010

**Carmelo Caruana Company Limited**

**Vs**

**Il-Bastiment Utec Surveyor**

Il-bastiment Utec Surveyor inbiegh b'irkant ghall-prezz ta' mija u hamest elef ewro (€105,000) wara talba li saret minn Carmelo Caruana Company Limited. Il-bejgh sar fil-15 ta' Marzu 2010, u l-bastiment inxtara minn Carmelo Caruana Limited. Jirrizulta li din il-kumpannija ghandha kreditu fl-ammont ta' mitejn u hamsa u ghoxrin elf tmien mija u ghaxar ewro u tmienja u sittin centezmu

(€225,810.86), kanonizzat permezz ta' sentenza li nghatat fid-29 ta' Ottubru 2009 fil-kawza **Carmelo Caruana Limited vs Il-Bastiment Utec Surveyor** (569/2009).

Permezz ta' provvediment moghti fl-4 ta' Mejju 2010 il-qorti cahdet it-talba li ghamlet Carmelo Caruana Limited sabiex parti mill-hlas li kien dovut lilha jigi pacut mar-rikavat tal-bejgh bl-irkant. Sussegwentement fis-7 ta' Mejju 2010 sar id-depozitu[1] u gew pubblikati l-avvizi skond l-Artikolu 416 tal-Kap. 12. B'digriet moghti fit-30 ta' Marzu 2011 il-qorti ordnat li kellu jitkompla l-process ta' verifika u gradwazzjoni tal-krediti, wara li saret talba minn Carmelo Caruana Company Limited biex tisbanka l-prezz tal-bejgh in kwantu bdiet issostni li kienet l-uniku kreditur. Fid-digriet il-qorti qieset li kien sar rikors fl-10 ta' Dicembru 2006 minn G.O.S.S. Consultants Limited li fissret li hallset is-somma ta' sebgha u erbghin elf mitejn u disgha u hamsin ewro u hamsa u sittin centezmu (€47,259.65) u opponiet it-talba ghall-isbank. Il-qorti kkunsidrat li ghalkemm ir-rikors ma kienx sar fiz-zmien ta' xahar kontemplat mil-ligi, G.O.S.S. Consultants Limited kienet diga' ressqet il-pretensjoni taghha b'nota tal-15 ta' Marzu 2010.

Waqt il-konkors, Clydesdale Bank Asset Finance Limited talbet is-soprasessjoni sakemm tinghata sentenza li ssir gudikat fil-kawza **L-Avukat Kris Borg nomine vs Carmelo Caruana Company Limited et** (Rikors 530/2010). Permezz ta' digriet tat-18 ta' Ottubru 2011 il-qorti cahdet it-talba ghar-ragunijiet li jissemmew fl-istess digriet.

Permezz ta' nota prezentata fil-11 ta' Ottubru 2012 G.O.S.S. Consultants Limited iddikjarat li:-

*"qieghda tirtira l-partecipazzjoni taghha minn dan il-konkors ta' kredituri b'effett immedjat, u dan in vista tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet l-Avukat Anthony Galea noe. vs Il-Bastiment MV UTEC Surveyor*

[1] Cedola numru 618/2010.

*(Rikors guramentat 582/2009AE deciza fit-18 ta' Settembru 2012).".*

B'hekk fil-konkors baqa' biss il-kumpannija Carmelo Caruana Limited li ghandha titolu ezekuttiv.

**Ghaldaqstant, tiddeciedi dan il-konkors billi tawtorizza lil Carmelo Caruana Limited biex tisbanka l-flus li hemm depozitati fil-qorti.**

**Spejjez relatati mal-konkors ta' kredituri li saru jibqghu bla taxxa bejn min ippartecipa f'dan il-konkors**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------